MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru. 723/2001

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT ALEXANDRA MAMO**

**KONTRA**

**GIOVANNI SIVE JOHN MICALLEF ta' 46 sena, iben Carmelo u Gemma nee' Zahra, imwieled Hal-Tarxien nhar it-13 ta' Awwissu, 1963, residenti fil-fond Peace Flats, Flat 2, Triq is-Sajjieda, Zurrieq, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 413263M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **GIOVANNI SIVE JOHN MICALLEF** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, u cioe' nhar l-20 ta' Novembru, 2001 u/jew fil-jiem ta' qabel, u/jew wara

din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

2. Approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ha flejjes li jammontaw ghal Lm1,800.00 liema flejjes jappartjenu lil Maria Mamo u persuni ohra, u dan ir-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju bi ksur ta' l-Artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm1,800.00 ghad-dannu ta' Maria Mamo u persuni ohra, dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309, u 310(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U kif ukoll talli kkommetta dawn ir-reati fil-waqt li huwa ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat iehor li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, dan bi ksur ta' l-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali skond liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija u cioe':
L-Artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310, 141, 31, 20, 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll il-provi prodotti;

Semghet it-trattazzjojnijiet.

Ikkunsidrat:

Il-prova primarja f'dan il-kaz hija dik tal-parte leza certa Maria Mamo.

Din xehdet diversi drabi f'dawn il-proceduri. Qalet li hija kellha problemi matrimonjali ma' zewgha. Tghid li ghamlet rapport lill-pulizija dwar fatt li hi waqt li kienet ghadejja mill-Belt waqqafha ragel li ma gharfitx. Kien bil-libsa, ghaliha jfisser pajzan.

Dan ir-ragel waqqafha u qaltlu li kienet imdejqa hfana. Qallha li kien ser jghinha hu. F'dak il-mument hareg il-*mobile*, cempel lil xi hadd. Tghid li setghet kienet zbaljata li semaghtu jghid il-kelma 'Imhallef', bil-kunjom Micallef. Tghid li semma terza persuna, li beda jcempel lil xi hadd iehor li kien ser jipprova jidhol medjatur bejnha u bejn zewgha, dan biex zewgha jigi konvint fuq id-divizjoni tal-post matrimonjali. Ta' dan talabha Lm1,800.00.

Iltaqghet mieghu hdejn l-Iskola ta' l-Imqabba. Hemm tatu Lm1,400.00. Insista ghall-kumplament, rat minn fejn gabithom u tatu l-kumplament. *In poche parole* meta rat li ghaddew granet u baqghet ma semghetx minghandu fittxitu. Regghet iltaqghet mieghu, fejn hawn urietu li kienet qieghda titlef il-fiducja fih gialadarba li minn dak li wieghdha ma kien gara xejn. Sahansitra anke cemplilha u hawn anke qaltlu li kienet marret tkellimha l-Ispettura – dan ghaliex meta skond ix-xhud kienet tilfet il-fiducja fl-imputat, keinet fittxet u kellmet lill-Ufficjal Prosekutur, tant li l-istess Ufficjal Prosekutur fix-xhieda taghha tghid li wara li rceviet telefonata minghand mara li kienet il-parte leza, kienet marret tkellimha go darha, ghax hasset u dehrilha li kienet ferm disturbata.

Fit-telefonata li saret bejn il-parte leza u l-imputat dan ikkonvincieha li ma kienx qdieha ghaliex kien diehel u hiereg l-Isptar, oltre dan anke li kien ser ilaqqaghha ma' din it-terza persuna. Hi tant emmnitu li sahansitra cemplet lill-pulizija fuq istruzzjonijiet tieghu u qaltilhom li kienet

issusspettat hazin ghal xejn u li flusha l-imputat kien ser jaghtiehomlha lura.

Ftehmu wara t-telefonata li kellhom jiltaqghu biex jaghmlu karta – hekk gara. Fil-fatt iltaqghu l-Belt f'cafetiera kif tidhol minn Putirjal. Hemm l-imputat kiteb karta li ffirma hu biss. Tghid li f'din il-karta kien hemm li tatu s-somma ta' Lm1,800.00 *'on my will'* – kliem li tghid li lilha ma kienx joghgobha.

Tghid li baqghet tinsisti mieghu li jlaqqaghha ma' din it-terza persuna. Anke marritlu d-dar tliet darbiet, harget tghajjarha martu. Biex jikkonvincieha bl-ezistenza tat-terza persuna li kellha tidhol ta' medjatur, kellha anke tmur mieghu go pay phone ghal madwar tliet darbiet, tghid li ghaliha dawn it-telefonati suppost lil din it-terza persuna ghaliha kienu *'gimmick'* (folio 48). Anke ltaqghet mieghu u bdiet tghajjat fit-triq, tant li hu widdibha biex ma tghajjatx. Wieghdha rega' li kien ser icemplilha biex jirranga maghha – dan ma avveriex ruhu.

Mistoqsija ghalfejn tat il-flus lill-imputat, wiegbet:
*'Biex ikun hemm medjatur bejni u bejn ir-ragel, u that's all. U hu wieghdni li fuq il-karta miktub li fi zmien xahrejn mill-20 ta' Novembru, jigfieri sal-20 ta'  Frar'* (folio 51). Tghid li riditu bhala medjatur minhabba l-post. Prezentat ukoll il-karta li ghamel l-imputat – DOK MM, folio 60.

Fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Mejju, 2002 inqraw l-Artikoli – hawn l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji u l-kawza thalliet ghall-provi tad-Difiza.

L-unika xhud li fil-fatt ingab mid-Difiza, kienet Maria Mamo nnifisha, in kontro ezami.

Xehdet li meta nqala' l-kaz ma' l-imputat gia' kellha pendenzi ma' zewgha quddiem is-Sekond'Awla. Ma ftakritx x'kien jismu l-Imhallef li quddiemu fis-Sekond'Awla kellha pendenti r-rikors. Qalet ukoll li wara xi ftit li ltaqghet ma' l-imputat, indunat min hu, cioe' li kien pulizija, u li hi u zewgha kienu jafuh.

Tghid li hi riedet tirranga ma’ zewgha u ghalhekk l-imputat kien taha parir li ssib lil xi hadd jaghmilha ta’ medjatur. Xehed li qallha li kien lest li jghinha, hareg il-*mobile*. Qalet li meta ghaddiet gimgha minn meta tatu l-flus u ma semghet xejn, beda jtektek mohhha.

Ikkonfermat li dawn il-flus skond l-imputat kellhom jghaddu ghand terza persuna li hi qatt ma kienet rat. Dwar it-telefonati mill-*box*, qalet li hi ma kinitx tkun taf lil min kien qieghed icempel.

Qalet ukoll illi dawn il-flus li tat lill-imputat minnhom hi qatt ma hadet xejn lura.

Gie ezebit ukoll id-dokument JM 1 (folio 26) li juri li fil-fatt l-imputat kien membru tal-Korp tal-Pulizija.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal minn naha tieghu li hu kien membru tal-Korp tal-Pulizija, pero jghid ukoll illi kien sospendut minhabba kawza pendenti fuq allegazzjoni ta’ frodi.

Ammetta li kien fil-fatt intervjena biex jghin fl-inkwiet bejn Mamo u zewgha, pero fuq instigazzjoni ta’ Mamo. Ammett li vera kien cempel terza persuna li kellu jintervjeni, pero ma riedx jew ma setax jghid min kienet din il-persuna. Mamo, skond l-imputat, kienet lesta taghti nofs id-dar lil zewgha. Din it-terza persuna, skond l-imputat, talbet li Mamo tiddepozita s-somma ta’ Lm1,800.00 biex turi r-rieda taghha dwar dan.

Jikkonferma wkoll li l-ewwel Mamo tatu Lm1,400.00, umbaghad wara li fakkarha fil-ftehiem mat-terza persuna – li ma riedx isemmi min hi, marret u gabitlu Lm400.00 ohra.

Qal li hu lil din il-persuna taha l-flus u li kienet wahda tahdem fil-kamp legali. Innega li hu qatt semma l-kelma Imhallef jew li l-flus fil-fatt kien zammhom hu personalment.

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta mill-atti processwali, id-Difiza, moghtija diversi opportunitajiet biex tressaq il-provi taghha, fit-18 ta' Settembru, 2002, ressqet biss lil Maria Mamo in kontro ezami u xejn izjed.

Illi ghalhekk din il-Qorti llum ser tghaddi biex taghti gudizzju fuq ir-reati in dezamina.

Ir-reati addebitati lil Micallef huma dawk ta' misapproprijazzjoni u truffa.

Illi din il-Qorti ser tibda biex tezamina l-ewwel akkuza addebitata taht l-Artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-parte leza Mamo xehdet illi l-flus lil Micallef tathomlu bl-intenzjoni li dawn jintuzaw biex jinghataw lil medjatur biex jintervjeni u jirrangalha ma' zewgha fil-kwistjoni ta' separazzjoni personali pendenti bejniethom. Kien skond hi b'dan il-ghan li tat is-somma ta' Lm1,800.00 lill-imputat. Dan l-intervent tat-terz - jekk qatt ezista, qatt ma avverixxa ruhu.

Punt iehor li l-Qorti trid taghmel huwa l-fatt illi kien hemm xi hjiel minn naha ta' Mamo li dan it-terz kien l-Imhallef Micallef. Ta' dan pero l-istess Mamo ma kinitx certa – allura din il-Qorti mhix ser taghmel kummenti ulterjuri – kieku kien car dan, Mamo nnifisha kienet tkun soggetta ghal proceduri kriminali.

Illi ghall-finijiet ta' dak espost din il-Qorti ghalhekk ma ssibx htija ai termini ta' l-Artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha l-ohra pero din il-Qorti hija konvinta li l-azzjoni ta' Giovanni Micallef tissodisfa ghal kollox ir-rekwiziti tar-reat tat-truffa taht l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt element essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dan ir-reat hija dik il-messa in scena li twassal ghall-ingann, li hija allura l-bazi tal-qerq li jwassal ghall-element iehor necessarju biex ikun kostitwit dan ir-reat – il-qliegh.

Certament Giovanni Micallef b'azzjonietu – telefonati fazulli per ezempju, gieghel lil Maria Mamo temmen li hu kien qieghed jikkomunika ma' dik it-terza persuna li kellha taghmilha ta' medjatur bejn Mamo u zewgha. Din hija dejjem dik it-terza persuna li ghaliha Micallef gabar minghand Mamo s-somma ta' Lm1,800.00, persuna li fi kliemu stess, skond ma qal fl-istqarrija, tahdem fil-kamp legali. Fil-fatt l-imputat innifsu fir-rilaxx ta' l-istqarrija ma jinnegax l-ezistenza ta' din it-terza persuna.

Ghaldaqstant din il-Qorti ssib htija ai termini ta' l-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali aggornata ta' l-imputat;
Rat li mis-sena li gie kommess dan ir-reat kien anke wettaq reati ohra u nghata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu.
Tqis ghalhekk illi l-piena idonea hija dik karcerarja. Rat ukoll l-Artikoli 141 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' tmintax(18)-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------